

Appell ippreżentat fis-26 ta' Frar 2022 minn Georgios Theodorakis et Maria Theodoraki mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla Estiża) fis-17 ta' Diċembru 2021 fil-Kawża T-495/14, Theodorakis u Theodoraki vs Il-Kunsill

(Kawża C-137/22 P)

(2023/C 83/09)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Partijiet

Appellanti: Georgios Theodorakis u Maria Theodoraki, (rappreżentanti: Vasileios – Spyridon Christianos, Alexandros Politis u Maria Christina Vlachou, avukati)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni Ewropea

B'digriet tas-17 ta' Jannar 2023, il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) ħadhet l-appell bħala manifestament infondat

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (il-Belġju) fid-9 ta' Novembru 2022 – RTL Belgium SA u RTL BELUX SA & Cie SECS vs Conseil supérieur de l'audiovisuel (CSA)

(Kawża C-691/22)

(2023/C 83/10)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Conseil d'État

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: RTL Belgium SA, RTL BELUX SA & Cie SECS

Konvenut: Conseil supérieur de l'audiovisuel (CSA)

Domandi preliminari

- 1) L-Artikoli 1(c) sa 1(f), 2, 3 u 4 tad-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva) (ĠU 2010, L 95, p. 1, rettifika fil-ĠU 2010, L 263, p. 15), moqrija fid-dawl tal-għan li tiġi evitata sitwazzjoni ta' kompetenza doppja espressa fil-premessi 34 u 35 ta' din id-direttiva, kif ukoll l-Artikoli 4(3) TUE u 49 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li awtorità regolatorja, li tqis li l-Istat Membru li taqa' taħtu huwa dak li fih tkun stabbilita l-persuna li għandha titqies bħala l-fornitur ta' servizz tal-midja, tkun tista' timponi sanzjoni fuq din il-persuna meta l-ewwel Stat Membru jkun diġà qies li huwa kompetenti fir-rigward ta' dan is-servizz tal-midja awdjoviżiva li għalih ta konċessjoni?
- 2) Il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, iggarantit mill-Artikolu 4(3) TUE (li kien l-Artikolu 10 TKE), għandu jiġi interpretat fis-sens li jobbliga lill-Istat Membru li għandu l-intenzjoni li jeżerċita kompetenza fuq dan is-servizz, meta l-ewwel Stat Membru jkun diġà eżerċitaha, li jitlob lill-ewwel Stat Membru sabiex jirtira l-konċessjoni li jkun ta fir-rigward ta' dan is-servizz tal-midja awdjoviżiva u, fil-każ tar-rifjut min-naħa ta' dan l-ewwel Stat Membru, li jressaq il-kwistjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea billi jitlob lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tippreżenta rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra l-ewwel Stat Membru (l-Artikolu 258 TFUE) jew billi jippreżenta rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu huwa stess (l-Artikolu 259 TFUE), u li jastjeni minn kwalunkwe att materjali jew legali li jkun l-espressjoni tal-pretensjoni tiegħu ta' kompetenza fir-rigward ta' dan is-servizz, ħlief jekk u sakemm il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tiddeċiedi favur tiegħu?